**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF FRANCO DEPASQUALE K.C., B.A., LL.D.**

**Illum il-Gimgha, 12 ta' Lulju 2002**

**Numru** **3**
**Citaz. Nru.** **1626/97 FDP**

**Atlas Tool Engineering Co. Limited**

**Vs**

**Goliath Developments Limited**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni tas-socjeta` attrici li gietipprezentata fil-11 ta' Lulju 1997 fejn gie premess:-

Illi s-socjeta` attrici ghandha tiehu minghand is-socjeta` konvenuta s-somma ta' elf u hamsa u tletin lira Maltin (Lm1035), raprezentanti prezz

ta' magna maghmula, mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta` konvenuta fuq inkarigu taghha stess skond ma jirrizulta minn invoice no. 360 (Dok A);

Illi s-socjeta` konveuta kienet interpellata diversi drabi sabiex thallas dan l-ammont komplessiv, permezz ta' ittra legali tat-13 ta' Frar 1997 u ohra ufficjali ta' l-4 ta' Marzu 1997, izda baqghet dejjem inadempjenti;

Talbet ghalhekk is-socjeta` attrici lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li s-socjeta` konvenuta ghandha thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf u hamsa u tletin liri Maltin (Lm1035) rapprezentanti prezz ta' magna maghmula. mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta` konvenuta fuq inkarigu taghha stess;

2. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas lil dik attrici s-somma msemmija u cioe' dik ta' elf u hamsa u tletin lira Maltin (Lm1035) rapprezentanti press ta' magna maghmula, mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta` konvenuta kif fuq spjegat u premess;

Bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali ta’ l-4 ta’ Marzu 1997 u tal-mandat kawtelatorju ta’ Qbid pprezentat kontestwalment ma’ din ic-citazzjoni, u bl-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta` konvenuta;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' Francis Psaila bhala direttur ghan-nom u in rapprezentanza

tas-socjeta` attrici, il-lista tax-xhieda minnu indikati, u l-elenku tad-dokumenti minnu esebiti;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta fejn giet eccepit:-

1. Illi primarjament il-pretensjonijiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u ghalhekk ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` attrici;

2. Illi subordinament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-pretensjoni kif pretiza fl-att tac-citazzjoni aktar 'il fuq precitata hija pacuta ma dak li ghandu jirrizulta dovut lis-socjeta` konvenuta mis-socjeta` attrici in linea ta' danni u dan kif ser jigi mitlub permezz tat-talba rikonvenzjonali;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tas-socjeta` konvenuta, konfermata minn Martin Spiteri, u l-lista tax-xhieda minnha indikati;

Rat il-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta Goliath Developments Limited fejn gie premess:-

Illi meta originarjament sar il-ftehim ghar-rigward tal-magna ndikata fl-att tac-citazzjoni, dan kien jirrigwarda tliet magni kolha ta' l-istess tip u ghamla bil-prezz komplessiv ta' elfejn mitejn u hamsin Lira Maltin (Lm2250) u cioe` bil-prezz ta' seba' mija u hamsin lira Maltin (Lm750) il- wahda;

Illi dan il-ftehim kien intlahaq ghal habta ta' Ottubru 1995;

Illi dan il-prezz kien gie miftiehem eskluz il-V.A.T. peress illi sa dak iz-zmien kienet ghadha mhux fis-sehh u bl-introduzzjoni taghha kien sar qbil illi l-ammont ta' V.A.T. dovut fuq kull magna kellu jizdied u jithallas meta jigu konsenjati;

Illi permezz tal-ftehim milhuq, is-socjeta` attrici kellha tikkonsenja l-ewwel magna sa Dicembru ta' l-istess sena;

Illi dan il-ftehim ma giex onorat u fil-fatt l-ewwel magna giet konsenjata cirka sena wara u t-tieni wahda cirka tminn (8) xhur wara l-ewwel konsenja;

Illi konsegwenza ta' dan id-dewmien, is-socjeta` konvenuta kellha tinkorri spejjez zejda u tixtri magni ohra u b'dan informat is-socjeta` attrici li hadet passi sabiex tikkancella l-ordni fuq it-tielet magna ordnat kif fil-fatt ghamlet;

Illi konsegwenza ta' dan in-nuqqas fil-konsenja, is-socjeta` konvenuta marret lura fix-xoghol taghha b'mod illi x-xoghol ma setax jimxi 'l quddiem bil-konsegwenza illi f'perjodu partikolari l-haddiema kollha waqfu;

Illi din is-sitwazzjoni kkreat dannu lis-socjeta` konvenuta konsistenti f'nuqqas ta' qliegh;

Illi barra minn hekk id-Dipartiment tal-Kuntratti ghamel pressjoni fuq is-socjeta` konvenuta;

Talbet ghalhekk is-socjeta` konvenuta lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li s-socjeta` attrici kisret il-ftehim milhuq mas-socjeta` konvenuta u kkonsenjat il-makkinarju ordnat tardivament b'mod illi s-socjeta` konvenuta kellha tinkorri spejjez inutili billi tixtri makkinarju simili iehor u sofriet danni konsistenti f'nuqqas ta' qliegh;

2. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjeta` konvenuta okkorrendo bl-operat ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lis-socjeta` attrici thallas lis-socjeta` konvenuta s-somma hekk likwidata in linea ta' danni u dan ghar-ragunijiet premessi;

Bl-ispejjez u bl-imghax legali kontra l-attur;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tas-socjeta` konvenuta u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta` attrici ghall-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta Goliath Developments Limited fejn gie eccepit:

Illi preliminarjament it-talba tas-socjeta` konvenuta hija preskritta ai termini ta' artiklu 2153 tal-Kodici Civili (Kap 16);

Illi fit-tieni lok u fil-mertu jinghad li t-talbiet tas-socjeta` konvenuta huma infondati fil-fatt u fid-dritt u bbazati fuq fatti inezistenti;

Illi mhux minnu li kien hemm ftehim li t-tlett magni kienu ser jiswew komplessivament bejniethom Lm2250, kif allegat fl-ewwel premessa tal-kontro-talba;

Illi lanqas mhuwa minnu li kien hemm ftehim li l-ewwel magna kellha tkun ikkonsenjata sa Dicembru 1995 u fil-fatt kienet ikkonsenjata sena wara. Ser jirrizulta mis-smiegh tal-provi u d-dokumenti li ser jigu esebiti, li l-ewwel magna kienet ikkonsenjata f'Marzu 1996 u thallas il-prezz taghha meta giet ikkonsenjata addirittura t-tieni magna f' mejju 1996, u cioe` xahrejn biss wara;

Illi ghalhekk mhux minnu li s-socjeta` konvenuta sofriet xi dewmien fil-konsenja tal-magni u jekk hi kellha tinkorri xi spejjez u allegatament sofriet xi danni, fl-ewwel lok ghandha tingieb prova taghhom, u fit-tieni lok dawn zgur ma jistghux jigu imputabbli lis-socjeta` attrici;

Illi ghalhekk is-socjeta` attrici tirritjeni li hija mhux biss ma hix responsabbli ghal kwalsiasi "spejjez zejda" u alegati "danni" soffeti mis-socjeta` konvenuta, izda konvinta li din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddikjara l-kontro-talba tas-socjeta` konvenuta adirittura bhala frivola u vessatorja maghmula biss b'tentattiv sabiex tasal biex ma thallasx dak

minnha dovut, u tichad it-talbiet maghmula fil-kontro-talba bl-ispejjez kollha kontra s-socjeta` konvenuta;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tas-socjeta` rikonvenuta Atlas Tool Engineering Co. Limited, il-lista tax-xhieda minnha indikati u l-elenku tad-dokumenti minnha esebiti;

Semghet lix-xhieda prodotta;

Rat l-atti kollha tal-process;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Ikkonsidrat:-

Illi s-socjeta` attrici ghamlet din il-kawza ghall-hlas ta' Lm1035 fir-rigward ta' magna li tintuza ghall-qtugh tal-gebel li hija ghamlet u kkonsenjat lis-socjeta` attrici. Minn dan l-ammont Lm900 jirrapprezentaw il-prezz tal-magna filwaqt li l-Lm135 l-ohra jirrapprezentaw il-VAT. A fol 4 tal-process hemm kopja ta' l-invoice relattiva nru 360 datata 13 ta' Mejju 1996;

Illi Joseph Dalli li huwa direttur tas-socjeta` attrici, fl-affidavit tieghu jispjega li meta sar il-ftehim bejn il-kontendenti rigward il-magni (li kellhom ikunu tlieta identici) u saret l-ordni taghhom, ma kienx sar ftehim fuq il-prezz. Kontro-ezaminat huwa jghid li dan kien l-ewwel darba li

kienu qed jaghmlu magni ta' dan it-tip *"...u ma konniex f'pozizzjoni li niddeterminaw kemm ser ikunu jiswew f'dak l-istadju u lanqas iz-zmien li kellna bzonn sabiex jitlestew."* Kompla jghid li fil-fatt lanqas biss thallas deposit f'dan il-kaz;

Illi Dalli jispjega li fir-rigward ta' l-ewwel magna, din giet ikkonsenjata u inharget invoice relattiva numru 296 datata 26 ta' Marzu 1996. Kopja ta' din l-invoice tinsab esebita a fol 19 tal-process. Il-prezz tal-magna indikat fuq l-invoice huwa ta' Lm900, filwaqt l-ammont tal-VAT huwa ta' Lm135;

Illi imbaghad fir-rigward tat-tieni magna, meta din tlestiet harget invoice datata 13 ta' Mejju 1996 ghall-istess ammont bhall-ewwel magna. *"Ftit granet wara, u cio'e fl-20 ta' Mejju 1996, is-socjeta` konvenuta hallset l-ewwel invoice fl-ammont shih taghha, b'cekk taghha nru 6264 ..."*;

Illi Dalli kompla jispjega li meta imbaghad tlestiet it-tielet magna kienu qamu l-kwistjonijiet dwar il-prezz tal-magni;

Illi l-verzjoni ta' <u>Martin Spiteri</u>, direttur tas-socjeta` konvenuta hija wahda pjuttost differenti. Huwa jghid li huwa u Dalli kienu ftehmu li l-prezz tal-magni kellu jkun Lm750 il-wahda, u li fir-rigward ta' l-ewwel magna din kellha tigi kkonsenjata qabel l-1996 u ma kellux jithallas VAT fuqha;

Illi Spiteri xehed li ghalkemm l-ewwel magna kellha tigi kkonsenjata qabel l-1996, fil-fatt giet ikkonsenjata f' Marzu 1996 u dan id-dewmien

ikkawzalhom danni u pregudizzju kbir peress li kellhom *deadlines* mad-Dipartiment tal-Kuntratti u ix-xoghol waqa' lura gmielu;

Illi kontro-ezaminat huwa qal illi minhabba li s-socjeta` attrici kienet qed iddum biex tikkonsenja l-magni, qabel ma giet ikkonsenjata t-tieni magna huwa kien qal lil Dalli biex ma jaghmilx it-tielet magna ghax ma setghax jistenna izjed. Anzi jghid li kien meta rrealizza li kien hemm xi diskrepanzi bejn l-ammont miftiehem u dak mitlub li huwa zamm it-tielet magna. Fil-fatt it-tielet magna qatt ma giet ikkonsenjata u s-socjeta` attrici mhix titlob il-prezz tat-tielet magna;

Illi il-Qorti tosserva li m'hemm l-ebda ftehim bil-miktub dwar prezz jew zmien li fih kellhom jigu kkonsenjati l-magni. Spiteri jghid li l-prezz kellu jkun ta' Lm750 ghal kull magna (u fil-kaz ta' l-ewwel wahda ma kellux jithallas VAT) filwaqt li Dalli jinsisti li qatt ma tkellmu dwar prezzijiet;

Illi Joseph Dalli xehed li s-socjeta` konvenuta hallset l-ammont indikat fl-ewwel invoice, u cioe` dik datata 26 ta' Marzu 1996. Martin Spiteri kontro-ezaminat xehed illi *"Rigward il-hlas li ahna ghamilna fir-rigward ta' l-ewwel magna ... jiena fhimt li mhux biss zammli ta' l-ewwel magna izda anki xi haga minn tat-tieni wahda ukoll."* Pero` l-Qorti tosserva li fuq l-ewwel invoice, u cioe` dik datata 26 ta' Marzu 1996 jidher car li l-prezz huwa fir-rigward ta' magna wahda peress li l-istess invoice tikkontjeni diskrizzjoni tal-magna u taht il-kelma "*item*" hemm in-numru "1". Fil-fatt aktar 'l-isfel fix-xhieda tieghu (fir-ri-

ezami) l-istess Spiteri jghid "... *Nahseb li dak iz-zmien lanqas kont iccekkjajtha l-karta, jiena kont mohhni biss li nfittex niehu l-magni.*"

Illi din hi kawza dwar magna partikolari u li fuqha ma sar ebda ftehim bil-miktub; inoltre anki mill-ezami tax-xhieda prodotti ma hareg xejn li seta' jindika liema hi l-verzjoni aktar kredibbli. Il-Qorti tifhem li f'xoghol ta' dik in-natura il-kelma torbot liz-zewg nahat, imma f'dan il-kaz kemm minhabba il-prezz kif ukoll minhabba l-allegat dewmien fil-produzzjoni tal-magni, l-irgulija ma rrenjatx. Anki dwar il-prezz insibu diversi differimenti ghal hatra ta' esperti biex jistmaw il-valur relattiv; izda l-partijiet fehmu li l-ispejjez ta' esperti teknici kienu ser ikunu gholjin u allura talbu li l-kawza tigi deciza fuq il-provi li tressqu;

Illi fin-nuqqas ta' ftehim bil-miktub, u fl-assenza ta' provi ohra li jikkorroboraw ix-xhieda ta' Martin Spiteri ghas-socjeta` konvenuta, il-Qorti, in vista tal-fatt illi l-istess socjeta` konvenuta hallset l-ammont mitlub ghall-ewwel magna kif indikat fuq l-ewwel invoice, ser tichad l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta u tilqa' t-talbiet attrici;

Illi l-Qorti issa ser tghaddi biex tikkonsidra l-kontro-talba li s-socjeta` konvenuta ghamlet kontra s-socjeta` attrici ghall-allegati danni li sofriet minhabba li l-makkinarju gie allegatament ikkonsenjat tardivament;

Illi Martin Spiteri jghid li x-xoghol tas-socjeta` attrici waqa' lura gmielu minhabba l-allegat

dewmien, liema dewmien ikkawzalhom dannu u pregudizzju kbir;

Illi pero`, kif gia gie rilevat qabel, ma giex pruvat a sodisfazzjon tal-Qorti li kien hemm ftehim fuq iz-zmien li fih kellhom jigu manifatturati u kkonsenjati l-magni. Ghalhekk il-Qorti mhux ser tidhol fil-kwistjoni tad-dewmien u ta' l-allegati danni konsegwenzjali, peress li anke kieku s-socjeta` konvenuta effettivament sofriet xi danni minhabba li kellha xoghol li waqa' lura (liema allegati danni lanqas biss gew pruvati) il-Qorti ma tistax tikkonkludi li ta' dan kienet responsabbli jew responsabbli unikament, is-socjeta` attrici.

Ghal dawn il-motivi;

Il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi:-

Tilqa' l-Ewwel Talba tac-citazzjoni u tiddikjara li s-socjeta` konvenuta ghandha thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf u hamsa u tletin lira Maltin (Lm1035) rapprezentanti prezz ta' magna maghmula, mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta` konvenuta fuq inkarigu taghha stess;

Tilqa' t-Tieni Talba u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf u hamsa u tletin lira Maltin (Lm1035);

U tichad it-talbiet tal-kontro-talba;

L-ispejjez fic-cirkostanzi tal-kaz ghandhom jithallsu bin-nofs bejn il-partijiet u l-imghax jibda jiddekorri xahar wara li din il-kawza tghaddi in gudikat.

Emanuel Sciriha
Deputat Registratur